**20 ta' Ottubru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo., O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Michael Cachia

*versus*

Dr. Frank X. Vassallo

**Bejgħ — Nullità — Żball — Vizzju tal-Kunsens — Art. 1019(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex żball ta' fatt jivvizzja l-kunsens u jinvalida kuntratt ta' bejgħ, għandu jkun żball "in substantia". U dan l-iżball jirrikorri mhux biss meta jaqa' fuq il-ħaġa fiha nnfisha, imma wkoll meta jirrigwarda xi kwalità prinċipali jew essenzjali tagħha.*

*Il-kriterju biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dan l-iżball għandu jkun subbjettiv, jiġifieri li wieħed għandu jħares lejn il-mod li bih il-kontraent li tqarraq kien qiegħed jikkunsidra l-oġġett tal-konvenzjoni.*

*Imma l-iżball irid ikun ukoll determinanti u skużabbli.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jixtri oġġett bħala antik, u xtrah għax antik, u kieku kien jaf li ma hux antik ma kienx jix-*

*trieħ, u l-iżball tiegħu kien skużabbli, huwa għandu dritt jopponi n-nullità tal-bejgħ u jirrifjuta li jħallas il-prezz miftiehem għal dak l-oġġett; u dan avvolja fil-konvenzjoni ma kienx hemm il-patt espress li kien qed jinbiegħ oġġett antik, imma fl-istess ħin dan kien ovvjament is-sens tal-ftehim.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £20, prezz ta' biċċa mobbli bil-mera lilu mibjugħa xi ġranet ilu mill-istess attur. Bl-interessi legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-oġġett in kwistjoni ġie mibjugħ bħala antik, mentri rriżulta lill-konvenut li ma kienx; u illi l-oġġett ġie ritornat lill-attur dak inhar stess, u baqa' għandu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Frar 1961, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut, iddikjarat li l-bejgħ, affett minn żball ta' fatt huwa null, u konsegwentement ċaħdet it-talba tal-attur; bl-ispejjeż. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta:— 1. Illi l-mera in kwistjoni mhix biċċa mobbli antika fl-ebda sens, la rigward iż-żmien ta' meta ġiet maħduma, la rigward l-istil, peress li ma fiha ebda stil, u lanqas rigward imitazzjoni, għaliex ma timita u ma tippretendix li timita lil ebda stil; 2. illi l-konvenut ma ġiex indott minn ebda qerq da parti tal-attur jew ta' martu biex jikkuntratta x-xiri ta' dik il-mera; 3. illi l-konvenut waqa' "in errore" rigward dak li huwa "antik, fis-sens minnu mifhum bħala "antik", u dan l-iżball huwa fuq is-sustanza stess tal-oġġett tal-konvenzjoni, però mhux attribwibbli ħlief għall-impressjonabbilità tiegħu, kaġunata mix-xewqa li kellu li jkollu biċċa mobbli antika, u għad-diskors tax-xhud Francis X. Zammit;

Illi l-konvenut baqa' jinsisti fuq l-eċċezzjoni tiegħu illi l-oġġett ġie lilu mibjugħ bħala antik, u rriżulta li ma kienx; liema eċċezzjoni tammonta sostanzjalment għan-nullità tal-bejgħ minħabba vizzju tal-kunsens. F'dan ir-rigward il-perit ipprospetta żewġ każi, jiġifieri l-vizzju naxxenti mill-qerq u dak derivanti minn żball ta' fatt. Kwantu għall-qerq, *il-Qorti taqbel mal-perit li dan il-vizzju* ma jirrikorrix, għaliex iċ-ċirkustanzi riżultati ma jammontawx għall-ingann li trid il-liġi fl-art. 1024 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Kwantu għall-iżball, għandu jiġi eżaminat jekk jaqgħax jew le fuq is-sustanza nnfisha tal-ħaġa li kienet oġġett tal-ftehim (art. 1019(1) Kod. cit.);

Illi, kif josserva Pothier:— "L'errore di fatto rende nulla l'obbligazione non solo quando esso cade sulla cosa stessa, ma altresì quando cade sulla qualità della cosa che i contraenti hanno avuto principalmente in mira, e che ne forma la sostanza" (Obbligazioni, para .18). Issa, għad li fid-dottrina hemm xi diverġenzi dwar il-kriterji biex tiddistingwi s-sustanza mill-aċċidenti, hija aktar sana l-opinjoni ta' dawk li jirritjenu li wieħed irid jipproċedi f'din il-materja bi kriterji soġġettivi, jiġifieri wieħed għandu jħares lejn il-mod li bih il-kwalità tal-oġġett tal-ftehim tkun ġiet kunsidrata mill-parti li tinvoka l-iżball. F'dan is-sens hija d-dottrina (Laurent, Diritto Civile, para. 455; u Giorgi, Obbligazioni, IV, para. 60; u l-ġurisprudenza tagħna Kollez. XXIV-I-1131, XXV-II-81; XXIX-I-591);

Illi, biex l-iżball jivvizja l-kunsens, barra milli jkun sostanzjali fis-sens fuq miġjub, jeħtieġ ukoll li jkun determinanti, jiġifieri tali li mingħajru l-parti li tkun ikkuntrattat taħt l-iżball ma kienetx tagħti l-kunsens tagħha kieku kienet taf il-verità. Anki hawn hija kwistjoni ta' intenzjoni, li għandha tiġi deżunta mill-provi (Laurent, op. ċit. para. 488). Fl-aħħarnett, l-iżball jeħtieġ li jkun skużabbli, għaliex si tratta tal-volontà riferibbli għall-kuntratt, u kwindi jrid jitħares ukoll l-interess tal-parti l-oħra, li ma għandiex titlef il-vantaġġi leġittimament akkwistati bil-kuntratt minħabba żball mhux skużabbli tal-kontraent l-ieħor, in forza tal-prinċipju "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"; u l-iżball ikun skużabbli,

meta jkun kawżat mill-fatt tal-parti l-oħra (Giorgi, Obbli. op. ċit., Vol. III, para. 269);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, għandu jiġi eżaminat jekk il-konvenut jistgħax jinvoka favur tiegħu l-iżball ta' fatt fil-bejgħ tal-mera in kwistjoni;

Illi l-fatti pruvati huma fil-qosor dawn. Ċertu Francis Xavier Zammit, klijent tal-konvenut, fiż-żmien ebanista, li kien jagħmel ukoll xogħolijiet ta' imitazzjoni ta' mobbli antiki, kien mar għand l-attur għal self ta' flus, u hemm il-mara tal-attur qaltlu "għandi biċtejn antiki"; u wrietu cheffonier u l-mera in kwistjoni. Huwa nforma b'dan lill-konvenut, u qallu:— "Hemm biċtejn antiki, mur arahom u ara tintrigax minnhom". Il-konvenut hekk għamel; sab lill-attur u lill-mara tiegħu; meta staqsihom kif dawn iż-żewġ oġġetti kienu ġew għandhom, il-mara tal-attur qaltlu li kienu tan-nanniet tan-nanniet; u qabel ma ftehmu fuq il-prezz, il-mara qalet lill-konvenut li kellha £50 fuq il-biċtejn. Fuq mistoqsija tal-istess attur, il-konvenut wieġeb li kien jikkalkola li dawk il-mobbli kellhom mitejn u disgħa snin. Il-konvenut l-ewwel offra £15, mbgħad £18, u fuq £20 ftehmu. In segwitu l-konvenut sab li l-mera ma kienx antik, u bagħtu lura lill-attur;

Illi minn dawn iċ-ċirkustanzi jidher, mingħajr dubju, li l-konvenut fehem u ried jixtri oġġett antik, u illi, kieku kien jaf li antik ma kienx, ma kienx jixtrieħ; u għalhekk il-kwalità tal-oġġett, fil-fehma tiegħu, kienet sostanzjali u determinanti. Issa, ma hemmx kwistjoni illi l-oġġett mibjugħ mhuwiex antik tant ġie pruvat bix-xhieda ta' Albert Gingell (fol. 18), kemm bil-perizja ġudizzjarja; u konsegwentement l-kunsens tal-konvenut fix-xiri tal-mera kien affett minn żball ta' fatt, li skond l-art. 1019 tal-Kodiċi Ċivili iwassal għan-nullità tal-konvenzjoni;

Illi xejn ma tiswa l-allegata bwona fede tal-attur; għaliex, apparti li huwa bl-imġieba tiegħu ma weriex li kien in bwona fede, speċjalment meta ħalla lill-martu tgħid li l-mera kien tan-nanniet tan-nanniet, mentri kien jaf li dan

ma kienx veru, jibqa' dejjem li l-fehma tal-konvenut kienet dik li jixtri oġġett antik;

"Noi diciamo", josserva Laurent (op. ċit. para. 490), "che è una quistione d'intenzione, e che l'intenzione può essere provata dalle circostanze; aggiungiamo che bisogna fare astrazione dalle frodi, perchè non si tratta di dolo, ma di errore, ed il Codice non richiede, perchè vi sia errore, che una delle parti abbia messo in opera simulazione fraudolente. Quasi tutti gli autori si sono pronunciati in questo senso";

Illi lanqas jiswa li l-iżball seta' kien biss minn naħa tal-konvenut; għaliex huwa magħuf illi għall-vizzju tal-kunsens mhux meħtieġ li l-iżball ikun komuni għall-kontraenti kollha (v. Laurent, op. ċit., para. 502; u Giorgi, op. cit., Vol. IV, para. 67);

Illi konsegwentement il-konvenut mhux obligat iħallas il-prezz ta' bejgħ null minħabba żball ta' fatt;

Illi taħt iċ-ċirkustanzi ma hemmx bżonn tiġi nvestita l-kwistjoni jekk il-konvenut jistgħax, kif talab, jagħti x-xhieda tiegħu jew le;

Rat fol. 48 in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 49 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata u li t-talba tiġi milqugħa; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti ta' dan il-każ jinsabu esposti fis-sentenza appellata. Għandu jiġi rilevat li fil-kwadru tal-fatti ma hemmx il-versjoni tal-konvenut, għaliex dan ma tgħax ix-xhieda tiegħu, u ma offriex li jagħtiha fil-kors tal-perizja. Kien biss fil-penultima seduta (fol. 42) in prim'istanza li l-konvenut offra x-xhieda tiegħu; liema talba ġiet però opposta mill-attur u baqgħet mhux provvduta mill-Ewwel Qorti, aktarx peress li d-deċiżjoni sussegwenti tagħha fil-

meritu kienet favorevoli għall-konvenut. Lanqas quddiem din il-Qorti l-konvenut ma offra x-xhieda tiegħu;

In-nullità tal-konvenzjoni, li fuqha qed jibbaża ruħu l-konvenut, ma tistgħax tiġi akkolta, kif ma akkoljitiex il-Qorti tal-Ewwel Grad, minħabba li l-kunsens tiegħu kien vizzjat minn dolo tal-kontroparti, għaliex dawn il-prattiki dolusi ma jirriżultawx, u r-retiċenzi tal-attur u ta' martu, u anki xi kliem li qalet din tal-aħħar fis-sens li l-mera in parola kien ġej minn żmien in-nanniet, ma jammontawx (anki jekk huma deplorevoli) għal għemil dolus (Kollez. Vol. XXVI-III-558; XXX-I-523; XXX-III-560; u App. "Cassar- Torreggiani vs. Manchè". 17.3. '58);

In-"nodum juris" huwa jekk hemmx in-nullità minħabba li l-kunsens hu vizzjat minn żball għas-sens tal-art. 1019 Kap. 23 Ediz. Riv. Peress li din il-Qorti sejra teżamina din il-kwistjoni anki in bażi għall-insenjamenti dottrinali taljani u franċiżi, hu utili li jingħad li l-artikolu tal-Kodiċi Malti fuq imsemmi — 1019(1) Kap. 23 — li kien qabel l-art. 682 tal-Ordinanza VII tal-1868 — hu identiku għall-art. 1110 tal-Code Napoleon, u għall-artikolu, ukoll 1110, tal-Kodiċi Ċivili Taljan;

Il-liġi trid illi l-iżball ta' fatt, biex jista' jingħad li jinvalida l-kuntratt, għandu jkun "in substantia". Dan hu konformi għad-dottrina rumana — "quoties in substantia erratur nullus est consensus";

Fuq il-portata ġuridika ta' din il-kelma "sustanza" kien hemm dissensi kbar fost l-awturi, kif jidher mill-analisi li hemm fit-test tal-Giorgi, Teor. Obbligaz. Vol. IV, p. 71 u 72; iżda jidher "jus receptum", ormaj, li jkun hemm dan ir-rekwiżit tal-"aliud pro alio" mhux biss meta l-iżball jirrigwarda l-ħaġa nnfisha, imma anki meta jirrigwarda xi kwalità prinċipali jew essenzjali tagħha (Ricci, Corso, Vol. VI, paġ. 26 para. 18; Pacifici Mazzoni, Cod. Civ. Comm., Vol. XII, p. 168, para. 86; Laurent, Principi Dto. Civ. Vol. XV, para. 488; Fadda, comm. art. 1110, pp. 160-161, parag. 91, 92, 94). Hu anki komunement riċevut li l-kriterju għandu jkun subbjettiv, ċjoè wieħed għandu iħares lejn il-mod li bih il-kontraent li tqarraq kien qiegħed jikkunsidra

l-oġġett tal-konvenzjoni (ara Ricci, loc. ċit., p. 26, para. 18; Giorgi, pp. 72 73, parag. 51; Fadda, para. 96, 98, 100, 101). Dawn l-insenjamenti ġew abbraċċjati mill-ġurisprudenza tal Qrati Maltin (Kollez. Vol. XXIV-I-1131; XXV-II-81; XXIX-I-591);

Issa, ma jistgħax jingħad, fuq il-provi akkwiżiti għall-proċess, li l-attur u martu biegħu dan il-mera lill-konvenut bħala "antik", fis-sens li l-kwalità ta' "antik" ġiet espressament dedotta fil-bejgħ "ex pacto" miż-żewġ kontraenti. Jista' għalhekk jidher, "prima facie", li l-konvenut ma kienx intitolat jinvoka l-art. 1019(1) fuq imsemmi bħala ostattiv għall-istanza. Din hi, infatti, l-opinjoni tal-Larombiere, Tom. I, p. 45, n. 3, art. 1110, li jesprimi ruħu hekk:— "La qualità non diviene sostanziale se non quando entrambe le parti l'hanno presa in considerazione";

Iżda din mhijiex id-dottrina prevalenti. Il-Laurent, Vol. XV, op. ċit., para. 502-503, jeżamina appuntu din l-obbjezzjoni tal-Larombiere, u jasal għall-konklużjoni kuntrarja, b'argumenti konvinċenti. L-ipotesi li dan l-awtur jipprospetta hija ta' wieħed li jixtri midalja li jaħseb li hi griega, mentri kienet ta' konju ruman, u li fiha "il venditore sapeva che la medaglia era romana, ne egli l'ha spacciata per greca". Il-Giorgi jgħid (loc. ċit., paġ. 94, para. 67):— "E' dottrina giuridica prevalente che basti l'errore unilaterale; e noi, malgrado il parere contrario di alcuni scrittori rispettabili, siamo dello stesso parere". Dan l-awtur jiċċita in kalċe, bħala favorevoli għal din l-opinjoni, awturi gravi, bħal ma huma Delvincourt, Duranton, Colmet de Santerre, Marcadè Demolombe, Laurent, Pacifici Mazzoni, u Ricci. Dan tal-aħħar (ara Vol. VI, para. 21, paġ. 28-29) mhux biss isostni li hu biżżejjed l-iżball unilaterali, u li ma hemmx bżonn li t-tali kwalità tkun ġiet kunsidrata miż-żewġ kontraenti, imma jmur aktar il-bogħod u jirritjeni li l-kontraenti li tqarraq jista' jannulla l-kuntratt in bażi għall-iżball tiegħu "di fatto", anki jekk ma jkunx wera lill-kontraent l-ieħor li hu kien qed jiddetermina ruħu għall-akkwist in vista ta' dik il-kwalità. Fuq din l-aħħar parti tat-teorija tar-Ricci din il-Qorti mhix qegħdha tesprimi ebda opinjoni; għaliex fil-każ preżenti l-provi juru li l-konvenut wera ad eżuberanza li hu kien qed jixtri l-mera

bħala antik, u li l-parti kuntrarja, għad li qagħdet retiċenti, ma setgħetx ma fehmitx li l-konvenut kellu dik l-intenzjoni; tant li f'ċertu stadju mart l-attur, impressjonata jew le bil-kliem żejjed tal-konvenut, iffortifikatu f'dik l-impressjoni billi qaltlu li l-mera kien ġej minn nanniet;

Il-Qrati Tagħna donnhom aċċettaw ukoll din it-teorija prevalenti, li t-tribunal għandu jħares lejn il-mod li bih ikkunsidra l-oġġett anki kontraent wieħed — dak li tqarraq. Infatti, fis-sentenza fuq ċitata — Vol. XXIV-I-1134 — hemm ċitat b'approvazzjoni u adozzjoni l-bran mil-Giorgi li jgħid hekk:— "Il criterio sottinteso dal legislatore nel significato della parola "sostanza" è interamente subbiettivo, vale a dire un criterio tutto relativo al modo con cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dal contraente che si è ingannato". L-istess bran hu ċitat fis-sentenza fuq imsemmija tal-Vol. XXV-I-84. Din il-Qorti reġgħet adottat l-istess prinċipju biċ-ċitazzjoni tal-istess insenjament fissentenza wkoll fuq imsemmija Vol. XXIX-I-601-602;

Jista' jiżdied — għaliex s'intendi, kull każ għandu l-fattezzi speċjali tiegħu — li għalkemm patt espress li l-mera kien qed jinbiegħ bħala antik fil-każ in ispeċje ma kienx hemm, eppure dak kien ovvjament is-sens tal-ftehim. Jgħid sewwa l-Laurent, Vol. XV, paġ. 437, para. 490:— "Noi sosteniamo trattarsi di una quistione di volontà, e che questa può essere dimostrata dalle particolari circostanze della specie" (ara wkoll żewġ deċiżjonijiet riportati fil-Fadda, loc. ċit., para., 121 u 141; f'din tal-aħħar hemm l-alternattiva "od altrimenti risulti");

Ikkunsidrat;

L-appellant sostna wkoll li, jekk żball kien hemm, dan ma kienx skużabbli. Għalhekk għandu jiġi eżaminat anki dan il-pont. Il Giorgi jittratta dan l-aspett fil-Vol. III, p. 348, para. 269, u Vol. IV, p. 99, 94 para. 68);

Din il-Qorti ma tħossx li tista' tasal għall-konklużjoni li l-iżball tal-konvenut ma kienx skużabbli. Hu beda biex ġie mpressjonat minn Zammit, li kien qallu "hemm biċtejn antiki", u kkonsiljah biex imur jarahom (fol. 19). Mart

l-attur lil dan ix-xhud Zammit kienet diġa' mpressjonatu hi stess, għaliex, meta dan ix-xhud kien mar għandha qabel fuq xi self, hi kienet semmietlu li kellha biċtejn antiki għa'l-bejgħ, u wrietu, minbarra biċċa mobbli oħra, dan il-mera (fol. 20). Zammit stess, meta rahom, ifforma l-idea li dawn iż-żewġ biċċiet mobbli, inkluż il-mera, kienu antiki (fol. 20); tant li, x'ħin tkellem mal-konvenut, anki semmielu l-"coat of arms" ta' fuq il-mera. Il-konvenut ma kienx għal kollox inġustifikat li jagħti ċertu piż lill-kliem ta' Zammit, għaliex dan kien minn żmien jaħdem okkażjonalment fid-dar ta' missier il-konvenut, u s-sengħa tiegħu kienet allura ta' ebanista, u kien jagħmel xogħol ta' imitazzjoni ta' mobbli antiki (fol. 19). Meta l-konvenut mar jara l-mobbli, hu beda biex staqsa lill-mart l-attur jekk kellhomx xi biċċa antika għall-bejgħ, u mart l-attur irrispondietu b'mod kawt li ma ddiżillużjonaħx; aktar tard, iżda, qabel ma ftehmu fuq il-prezz (ara xhieda tagħha f'din it-tieni istanza), hi qaltlu li l-mera kien tan-nanniet tan-nanniet, mentri kienet xtratu żewġ liri u nofs minn irkant xi sena qabel pjù o meno. B'dawn il-kliem mart l-attur irrafforzat l-iżball tal-konvenut, u b'hekk ikkontribwiet ukoll għall-iskużabbilità tal-iżball. Jgħid infatti l-Giorgi (loc. ċit. Vol. III, p. 350 in med.):— "L'errore di una parte apparisce sempre più scusabile quando sia cagionato dal fatto dell'altra". Għandu anki jiżdied li l-istess mera, bl-istemmi diversi ta' granmastri u ta' familji privati, u bil-grotteski tiegħu, kien joffri ruħu għall-possibbilità li min jarah jitqarraq, kif qiesu tqarraq l-istess Zammit;

Għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidherx li jista' jingħad li l-iżball tal-konvenut ma kienx skużabbli;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ndirizzat l-eżami anki għall-pont dwar jekk tistgħax tirrikorri fil-fattispeċie dik li ffurmat oġġett tad-deċiżjoni riportata "in sunto" fil-Fadda, loc. ċit., para. 124, fejn jingħad li, jekk il-kumpratur ikun inċert u jakkwista b'din l-inċertezza, allura ma jistgħax jinvoka l-iżball, għaliex il-kuntratt isir aleatorju. Iżda f'dan il-każ il-Qorti hi ta' fehma li l-konvenut, meta xtara, ma kienx inċert li l-mera kien antik, imma kien, se maj, inċert dwar "kemm"

kien antik; tant li hu staqsa lill-mart l-attur kemm kien ilu għandhom u din anki din l-inċertezza neħħietlu meta qaltlu li l-mera kien "tan-nanniet tan-nanniet", u l-konvenut, b'kalkolu rapidu tal-ġenerazzjonijiet, stabbilixxa l-epoka bħala ta' mitejn u disgħa snin ilu;

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni, bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-konvenut, meta xtara, kien fi stat ta' żball ta' fatt dwar kwalità sostanzjali tal-ħaġa mixtrija, u li, kieku ma kienx f'dak l-istat, ma kienx jixtri l-mera;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.